MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2012

Numru 867/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Jason F.Sultana)

**vs.**

**Clifton Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Clifton Attard, ta' wiehed u ghoxrin sena, bin Edwin u Maria Carmela nee' Scicluna, imwieled Pieta` fil-21 ta' Settembru 1990, residenti Gloucester Place, Flat 1, Triq il-Principessa Margerita, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 451890(M) akkuzat talli;

1. Nhar it-22 ta' Awwissu 2012 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija u fis-sighat ta' qabel minn gewwa l-Gala Super Market li jinsab gewwa Ta' Xbiex ikkommeta serq ta' fliexken tax-xorb ta' ammont li jeccedi l-valur ta' € 232.94

izda inqas minn € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Tristam Shires u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 261(c) u 267 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U finalment gie akkuzat ukoll li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, b`diversi sentenzi mill-Qrati ta'Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li, a bazi tal-investigazzjoni li ghamel, l-imputat ghandu problema relatata mad-droga.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom, fuq naha wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat ghandu problema relatata mad-droga, il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija[1], u, fuq in-naha l-ohra, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u l-fedina penali tieghu (li mhijiex wahda nadifa). Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata cans iehor sabiex jirriforma ruhu b'dan illi l-Qorti qieghda taghmilha cara illi din ser tkun **l-ahhar darba** li ser jinghata dan ic-cans.

[1] *Vide* stqarrija Dok. "JFS 3", *fol.* 11.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 289, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Clifton Attard taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.
*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Clifton Attard bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Clifton Attard.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------